Dipartiment
tax-Xogħlijiet Pubbliċi

# Fuq il-Lant

Ħarġa Nru 11 - Ottubru 2024

**Merħba għal ħarġa oħra ta' 'Fuq il-Lant'.**

**F'din il-ħarġa, ser nagħtu ħarsa lejn numru ta' proġetti li qed jitwettqu mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u li huma maħsuba biex ikomplu jtejbu l-ħajja tan-nies f'oqsma differenti.**

## Tisbiħ tal-ġnien ta' Dar il-Kaptan

Bħalissa għaddej xogħol ta' tisbiħ fil-ġnien ta' Dar il-Kaptan li toffri appoġġ lil individwi bi bżonnijiet speċjali u lill-familji tagħhom.

Ix-xogħlijiet jinkludu l-installazzjoni ta' bank fiss għall-BBQ, l-installazzjoni ta' apparat tal-logħob adattat u paviment tal-lastku għal iżjed sigurezza, il-bini ta' toilet aċċessibbli minn kulħadd, il-bini ta' funtana ġdida, il-bini ta' ħajt baxx li jservi wkoll fejn persuna toqgħod bilqiegħda, u t-tħawwil ta' siġar u arbuxelli. Ser jiġu installati lanterni ġodda b'lampi li jikkunsmaw inqas elettriku filwaqt li jdawlu aħjar il-post, kif ukoll sistema ta' irrigazzjoni għas-siġar u l-pjanti.








COMMUNICATIONS UNIT
DIPARTIMENT TAX- XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

2292 2292
info.pwd@gov.mt
publicworksdepartment.gov.mt
Public Works Department Malta



# Tisbiħ taċ-Ċentru tar-Raħal fl-Imtarfa

Bħalissa għaddej proġett estensiv ta' tisbiħ fiċ-ċentru tal-Imtarfa li permezz tiegħu l-pjazza prinċipali u dik sekondarja ser jingħaqdu flimkien billi jitneħħew l-arkati eżistenti. Ix-xogħol jinkludi:

- **Il-pavimentar taż-żewġ pjazez u l-passaġġi pedonali tal-madwar b'ċangaturi tal-porfido u l-lava**
- **Landscaping li ser jagħti dehra ġdida lill-post permezz ta' tħawwil ta' siġar tal-ballut u varjetà ta' arbuxelli u fjuri tal-istaġun**
- **Il-bini ta' funtana ġdida**
- **L-installazzjoni ta' servizzi infrastrutturali ġodda inkluż sistema ta' tisqija**
- **L-installazzjoni ta' sistema ġdida ta' dawl b'konsum tal-elettriku baxx**
- **L-installazzjoni ta' għamara ġdida ta' barra li se ssebbaħ il-post**
- **Il-bini ta' ġibjun ġdid u r-restawr ta' wieħed eżistenti biex it-tnejn jiġbru l-ilma tax-xita li ser jintuża għat-tisqija tas-siġar u l-pjanti ġodda.**








# Riġenerazzjoni ta' Ġnien l-Indipendenza f'Ħaż-Żebbuġ

Dan il-proġett għandu l-għan li joħloq spazji miftuħa li jkunu iktar aċċessibbli għat-tfal u ż-żgħażagħ filwaqt li jtejjeb l-ambjent ta' dan il-ġnien.

Il-proġett jikkonsisti fir-rinnovazzjoni ta' ġnien eżistenti li kien jinsab fi stat ta' telqa. Dan ser jiġi rranġat u ser jinkludi spazji għal attivitajiet ta' divertiment fosthom picnic area, post fejn jintlagħab il-basketball, kif ukoll żoni fejn wieħed jista' jirrilassa.

Ser tiġi installata sistema ta' dawl moderna, sistema ta' CCTV, pannelli fotovoltaiċi, sistema għat-tisqija u funtana. Dan flimkien ma' aċċessorji u għamara oħra ta' barra.

Fil-parkeġġ ta' dan il-ġnien ser jinbena ġibjun biex jiġbor fih l-ilma tax-xita mit-toroq u l-inħawi tal-madwar. Dan l-ilma ser ikun qed jintuża biex titħaddem il-funtana u għat-tisqija tas-siġar u l-pjanti ta' dan il-ġnien.

Biex ir-residenti jkunu jistgħu jaċċessaw is-sit b'mod aktar sigur, ser jiġi installat pelican crossing fit-triq prinċipali li hemm biswit dan il-ġnien.













# Xogħol ta' manutenzjoni fuq diversi ġibjuni

Matul is-sajf, sar xogħol ta' tindif u manutenzjoni fuq diversi ġibjuni, fosthom dawk f'San Klement u fi Xrobb l-Għaġin fiż-Żejtun, f'Santa Luċija u fl-Imġarr.

Ix-xogħol kien jikkonsisti primarjament fit-tindif minn ħama u ħmieġ ieħor li akkumula matul ix-xitwa. Uħud mill-ġibjuni kellhom bżonn li l-ħitan jinksew mill-ġdid peress li l-kisi l-qadim kien ġralu ħsara. B'hekk dawn il-ġibjuni ma jitilfux l-ilma tax-xita li jinġabar fihom u li jintuża mill-bdiewa biex isaqqu l-għelieqi tal-madwar.

